**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Novembru 2021**

**Rikors Numru : 364/2021**

**Kawza Numru : 18**

**DA**

**U**

**AF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt guramentat ta' DA u AF, datat 17 t'Awwissu 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ippremettew hekk:

*Illi l-esponenti zzewwgu nhar id-29 t'April tas-sena 2006, skond kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok A;*

*Illi miz-zwieg bejn l-esponenti twieldet il-minuri AFA nhar it-2 ta' Mejju tas-sena 2008;*

*Illi z-zwieg bejn l-esponenti sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi, u effettivament huma ilhom isseparati de facto, sa minn Jannar 2015, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit ta' l-Artikolu 66B(a) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi llum il-gurnata, l-esponenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom sa mis-sena 2015, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli*

*ghar-rikonciljazzjoni bejniethom. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit ta' l-Artikolu 66B(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-esponenti lahqu ftehim bejniethom dwar kull aspett ghas-separazzjoni personali taghhom, u l-abbozz ta' kuntratt relattiv jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok B;*

*Illi permezz tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali taghhom (Dok B), il-partijiet ftehmu permezz tal-klawsola 4 li z-zewg partijiet iddekadew ghad-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin;*

*Illi permezz tal-istess Kuntratt ta' Separazzjoni Personali (Dok B), il-partijiet lahqu ftehim dwar il-manteniment ghall-minuri u l-esponenti AF dejjem hares l-obbligi tieghu f'dan ir-rigward u m'hemm ebda pagamenti pendenti u jew arretrati dovuti;*

*Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti  l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlobu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara l-ħall taż-żwieġ iccelebrat bejn il-partijiet nhar id-29 t'April 2006 ai termini ta' l-Artikolu 66D(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ix-xhieda bil-gurament ippreżentata bil-proċedura tal-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DA** xehdet (fol 3) li hija żżewweġ lil AF f'April tas-sena 2006 u li l-partijiet isseparaw permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Francesca Portelli. Xehdet li minn dan iż-żwieġ twieldet tifla li ghadha minuri. Tikkonferma li l-hlas tal-manteniment ghat-tifla dejjem sar u ma hemm ebda arretrati ta' manteniment. Tghid ukoll li ma hemm ebda obbligu ta' manteniment ghalija personali. Tiddikjara li bdew jghixu hajja separata sa mis-sena 2015, ferm qabel gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni u li ma hemm ebda lok ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

**AF** xehed (Fol 4) u kkorrobora ma' dak li Xehdet DA.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal***

***perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 t'April 2006, liema zwieg jgib c-certifikat numru 410/2006 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 5) u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minuri.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw de facto fl-2015 u legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar il-21 ta' Frar 2020 fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Portelli (vide Dok B, a fol 6 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 410/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**